MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 720/2001

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Saviour Persico, iben Saviour, imwieled Pieta' fil-15 ta' April, 1979
u
Vincent Pace, iben Paul, imwieled Pieta' fl-24 ta' marzu, 1980

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fit 23 ta' novembru, 2001, għal habta tal-10.30 a.m. ġewwa l-fabbrika Allchem Ltd., Ricasoli Industrial Estate, Kalkara, bħala mpjegati tal-fabbrika msemmija, waqt li kien qed joperaw 'forklifter', b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta'

Pacificus Micallef, ta’ 41 sena, Id. 312660(m), residenti 49, Triq is-Sur, Senglea;
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-ħatjin, ilkoll flimkien ‘in solidum’ jew kull wieħed għalih, għall-ħlas ta’ l-ispejjeż kollha jew ta’ parti mill-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta’ jannar, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija f’dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 225, 20, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ frar, 2003 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluża dik ta’ l-imputati.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-23 ta’ novembru, 2001 għal habta tal-10.30 a.m. ġara nċident fil-fabbrika tas-soċjeta’ Allchem Limited ta’ Ricasoli. Id-dinamika ta’ l-inċident kienet is-segwenti. Ftit qabel il-ħin indikat Pacifico Micallef li kien il-foreman f’din il-fabbrika talab lill-imputat Saviour Persico li jgħollih sal-għoli tal-bieb tal-fabbrika bil-forklifter. Hu ried ineħħi xi ġebel li kien fic-‘channel’ tal-bieb. Saviour Persico utilizza pallet ta’ l-injam bħala piattaforma u Micallef tela’ fuqha. Il-forklifter għolla lil Micallef sa għoli ta’ madwar 23 filata. Wara li Pacifico Micallef lesta dak li kellu jagħmel Saviour Persico saq b’lura b’Micallef għal distanza ta’ ħdax il-metru. Hawn il-forklifter waqaf b’Micallef għadu fuqu. Saviour Persico niżżel lil Micallef xi ftit iżda fil-frattemp sejjaħ lil Vincent Pace ħdejh. Saviour Persico qal lill-imputat Vincent Pace biex jutilizza lieva biex igħolli lil Micallef aktar ‘il fuq.

Vincent Pace għamel hekk. Ġara li piattaforma b'Micallef telgħet 'il fuq sas-saqaf. Pacifico Micallef ħabat rasu mas-saqaf u waqa' għal isfel. Ftit wara li waqa minn dak l-għoli Pacifico Micallef miet.

Illi l-pulizija waslu fuq il-post ftit wara u mill-invesigazzjoni li għamlu rrizulta li fil-ġemb tal-forklifter kien hemm indikazzjoni ċara li ebda persuna ma għandha tiġi merfigħa b'dak il-forklifter u ebda persuna ma għandha toqgħod taħt dan l-istess forklifter. Irrizulta li dik ma kienitx l-ewwel darba li saret tali manuvra.

Illi l-iżjed ħaġa nkwetanti li rrizulta li l-imputati ammetta mal-pulizija kif ukoll waqt is-smiegħ ta' din il-kawża li meta ġara dan il-każ huma kien qed jiċċajtaw. Ċajta li spiċċat fil-mewt ta' persuna.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ċar li l-aġir taż-żewġ imputati kien wieħed traskurat u imprudenti fil-waqt li naqsu josservaw il-kriterji tas-sigurta' għal persuna. Fil-fatt bl-aġir tagħhom Pacifico Micallef tilef ħajtu. Ma hemm ebda attenwanti għal fatt li dak kien aġir regolari. Kieku fil-ġenn tagħhom, fl-ewwel lok Saviour Persico ma mexiex għal ħdax il-metru b'lura u Vincent Pace ma azzjonax il-lieva, akatrx ma kien jiġri xejn. Ma hemm ebda dubju li l-imputati għandhom iwieġbu għall-aġir tagħhom u huma responsabbli għal mewt ta' din il-persuna.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannhom għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal ħlas ta' multa ta' erba' telef u sitt mitt euro (€4,600). Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta'
tlett mija u ħamsin euro (€350) spejjez inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------